Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,409, 21 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 205 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

L.S. 465. 32.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' Mejju, 2020.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, il-kliem "Miftuha ghall-Pubbliku." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Miftuha ghall-Pubbliku:" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda attivitajiet sportivi organizzati skont il-lista maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ta' taħriġ individwali u ta' gruppi ta' mhux aktar minn sitta (6) min-nies li jsir f'postijiet miftuħa huwa eżenti minn dan l-ordni u li huma soġġetti għall-miżuri ta' mitigazzjoni maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika:

Iżda wkoll is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti eżenzjoni li tkun soġġetta għal miżuri li s-Suprintendent tista' timponi, jekk tkun sodisfatta li l-avveniment organizzat ikun ser jinżamm fi spazji pubbliċi jew spazji miftuħa u li l-avveniment organizzat ikun tali li jippermetti li l-pubbliku jkun jista' jżomm distanza socjali u miżuri oħra ta' prevenzjoni.".